Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Numru 402/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Barbara**
**Dennis Camilleri**
**Francois Zammit**
**Nathaniel Barbara**

**Illum 14 ta' Gunju, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Barbara ta' 48 sena (dtt. 04/11/1956), bin il-mejtin Vince u Guza

nee' Curmi, imwieled Zejtun u joqghod 13, Triq il-Granmastru Perellos, Zejtun (ID nru. 735356M); Dennis Camilleri ta' 29 sena (dtt. 05/01/1975) bin Gaetano u Joan nee' Camilleri, imwieled Pieta' u joqghod Blk 1, Flt 5, Bini San Martin, Zejtun (ID nru. 49075M); Francois Zammit ta' 27 sena (dtt. 18/07/1978), bin Sergio u Theresa nee' Abela, imwieled Zabbar u joqghod "Kamie Hse", Triq il-Lvant, Zejtun (ID nru. 330378M); Nathaniel Barbara ta' 17 sena (dtt. 03/01/1988), bin Joseph u Maria nee' Mifsud, imwieled Pieta' u joqghod 13, Triq il-Granmastru Perellos, Zejtun (ID nru. 38788M) gew akkuzati talli:

Fit-12 t'Ottubru 2004 ghall-habta tad-20:50 hrs fiz-Zejtun, volontarjament ikkagunaw hsarat fuq il-vettura tal-marka Ford Escort bin-nru ta' reg. BAP 727, billi waddbu gebel lejn l-istess vettura, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn Lm50 u dan ghad-dannu ta' Stephen Portelli miz-Zejtun;

ukoll talli fl-istess data, lok u hin, heddew lil Stephen Portelli miz-Zejtun kif ukoll kissru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JFP9 u nnuntat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech iddikjara li l-

imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija u inoltre ddikjara li f'dan l-incident kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile Stephen Portelli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 325(b), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Joseph Barbara, Dennis Camilleri, Francois Zammit u Nathaniel Barbara, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech iddikjara li l-imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija u inoltre ddikjara li f'dan l-incident kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile Stephen Portelli, rigward l-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputati taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, rigward it-tieni akkuza tikkundanna lill-istess imputati ghall-piena ta' hmistax il-Lira Maltin (Lm15) ammenda kull wiehed u rigward it-tielet akkuza tikkundanna lill-istess imputati ghall-piena ta' hmistax il-Lira Maltin (Lm15) ammenda kull wiehed.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Joseph Barbara, Dennis Camilleri, Francois Zammit u Nathaniel Barbara b'obbligazzjoni personali ta' mitt lira Maltin (Lm100) kull wiehed li jzommu il-kwiet ma' l-istess Stephen Portelli u li jzommu il-bonordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Joseph Barbara, Dennis Camilleri, Francois Zammit u Nathaniel Barbara l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------